



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

4.2.2014

B7-0143/2014

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja
(2014/2531(RSP))

**Véronique De Keyser, Libor Rouček, Pino Arlacchi, Ricardo Cortés
Lastra, Saïd El Khadraoui, Ana Gomes, Richard Howitt, Liisa
Jaakonsaari, Maria Eleni Koppa, David Martin, María Muñiz De
Urquiza, Raimon Obiols, Pier Antonio Panzeri, Joanna Senyszyn, Boris
Zala**

f'isem il-Grupp S&D

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja
(2014/2531(RSP))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-Sirja, b'mod partikolari tat-12 ta' Settembru 2013 dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja¹ u tad-9 ta' Ottubru 2013 dwar miżuri tal-UE u tal-Istati Membri biex jindirizzaw il-fluss ta' rifuġjati b'riżultat tal-kunflitt fis-Sirja²,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Barranin dwar is-Sirja tal-20 ta' Jannar 2014,
 - wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet tar-Rappreżentant Għoli tal-UE Catherine Ashton fil-Konferenza ta' Ġinevra II dwar is-Sirja tat-22 ta' Jannar 2014, u d-dikjarazzjoni tagħha fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Assemblea Ġenerali tal-Koalizzjoni Sirjana tal-Oppożizzjoni li tipparteċipa għall-konferenza ta' Ġinevra II tat-18 ta' Jannar 2014,
 - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 2119 (2013) tas-27 ta' Settembru 2013,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,
 - wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966,
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tal-1949 u l-protokolli addizzjonali għalihom,
 - wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill Eżekuttiv tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi tas-27 ta' Settembru 2013, li tistabbilixxi proċeduri speċjali għall-qerda rapida tal-programm tal-armi kimiċi tar-Repubblika Għarbija Sirjana u l-kontroll rigoruż tagħhom,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-21 ta' Jannar 2014 dwar il-kredibbiltà ta' ċerta evidenza fir-rigward tat-tortura u l-eżekuzzjoni ta' persuni detenuti mir-reġim Sirjan attwali, imfassal minn grupp internazzjonali ta' esperti ġuridiċi,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi aktar minn 130 000 persuna tilfu ħajjithom, aktar minn 2.3 miljuni rifuġjati mill-pajjiż ġew reġistrati mal-UNHCR, u huwa stmat li 6.5 miljuni ġew spostati internament u 40% tal-abitazzjonijiet tal-pajjiż inqerdu u aktar minn 9 miljuni fil-pajjiż għandhom bżonn għajnuna umanitarja minħabba l-kriżi vjolenti fis-Sirja;
- B. billi r-ripressjoni brutali mwettqa mir-reġim tal-President al-Assad kontra l-

¹ Testi adottati, P7_TA(2013)0378.

² Testi adottati, P7_TA(2013)0414.

popolazzjoni tiegħu wasslet għal kunflitt kumpless fis-Sirja, deskritt minn ħafna bħala gwerra (bil-prokura) b'infiltrazzjoni qawwija mill-estremisti Iżlamiċi, inklużi l-gruppi affiljati Al Nusra u l-Istat Iżlamiku fl-Iraq u tal-Levante (ISIS);

- C. billi l-kriżi vjolenti fis-Sirja rriżultat f'kastrofi umanitarja mingħajr preċedent fl-istorja riċenti, li t-tmiem tagħha mhuwiex previst; billi aktar minn nofs ta' dawk affettwati huma tfal li qed isofru mill-ġuħ, in-nuqqas ta' ikel sustanzjuż u l-mard; billi n-nuqqas ta' aċċess għall-ikel, l-ilma, il-kura tas-saħħa bażika, l-iġene, il-kenn u l-edukazzjoni jikkostitwixxi aspekk kritiku tal-kastrofi umanitarja; billi l-forniment ta' għajnuna umanitarja qed tiġi ostakolata min-nuqqas ta' sigurtà, miċ-ċaħda ta' aċċess u minn ostakoli għall-infrastruttura;
- D. billi, fir-riżoluzzjoni tiegħu 2118 (2013), il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU approva bis-sħiħ il-Communiqué ta' Ġinevra tat-30 ta' Ġunju 2012, talab li ssir konferenza internazzjonali dwar is-Sirja sabiex jiġi implimentat dan il-communiqué, u talab lill-partijiet Sirjani kollha jipparteċipaw b'mod serju u kostruttiv f'din il-konferenza, filwaqt li enfazzza li huma għandhom jimpenjaw ruħhom sabiex dan il-communiqué jiġi implimentat u sabiex jinkisbu l-istabbiltà u r-rikonċiljazzjoni;
- E. billi l-proċess ta' Ġinevra II huwa r-riżultat ta' sforzi kbar mill-komunità internazzjonali; billi t-tisħiħ tal-fiduċja – permezz ta' waqfien mill-ġlied fil-livell lokali, ir-rilaxx jew l-iskambju tal-priġunieri u l-iffaċilitar tal-forniment ta' għajnuna umanitarja – huwa element fundamentali ta' dan il-proċess. billi, fit-18 ta' Jannar 2014, l-Assemblea Ġenerali tal-Koalizzjoni Sirjana tal-Forzi Revoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni ddeċidiet li taċċetta l-istedina biex tipparteċipa f'dan il-proċess; billi l-Iran kien mistieden għall-konferenza li saret fl-Isvizzera iżda mbagħad l-istedina ġiet irtirata; billi n-negożjati ġew sospiżi fil-31 ta' Jannar 2014 u ċ-ċiklu ta' kollokji li jmiss huwa ppjanat għall-10 ta' Frar 2014;
- F. billi, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-20 ta' Jannar 2014, il-Kunsill Affarijiet Barranin tal-UE tenna li l-unika soluzzjoni għall-kunflitt hija tranżizzjoni politika ġenwina, ibbażata fuq l-implimentazzjoni sħiħa tal-Communiqué ta' Ġinevra, u l-preservazzjoni tas-sovranietà, l-indipendenza, l-għaqda u l-integrità territorjali tas-Sirja;
- G. billi fit-Tieni Konferenza Internazzjonali ta' Impenji Finanzjarji għas-Sirja, li saret fil-15 ta' Jannar 2014 fil-Kuwajt, l-atturi internazzjonali impenjaw aktar minn USD 2.4 biljun; billi din is-sena l-appelli tan-NU jammontaw għal USD 6.5 biljun sabiex jiffinanzjaw l-istrateġiji tal-organizzazzjoni għas-Sirja u l-pajjiżi tal-viċinat; billi fl-2013 l-appelli tan-NU għall-indirizzar tal-kriżi Sirjana ammontaw għal USD 4.4 biljun u kien ffinanzjati bir-rata ta' kważi 70%; billi l-UE wegħdet EUR 550 miljun addizzjonali fil-konferenza tal-Kuwajt, u dan iwassal għal total ta' aktar minn EUR 1.1 biljun f'finanzjament tal-UE mill-bidu tal-kriżi;
- H. billi fir-Rapport tagħha dwar l-Użu Allegat ta' Armi Kimiċi fiż-Żona ta' Ghouta ta' Damasku fil-21 ta' Awwissu 2013, ippubblikat fit-13 ta' Settembru 2013, il-Missjoni tan-NU biex tinvestiga allegazzjonijiet dwar l-użu tal-armi kimiċi fir-Repubblika Għarbija Sirjana kkonkludiet, abbażi tal-evidenza miksuba matul l-investigazzjonijiet tagħha, li ntużaw armi kimiċi fil-kunflitt fis-Sirja, b'mod partikolari fuq iċ-ċivili, inklużi tfal, fuq skala relattivament kbira; billi r-riżoluzzjoni 2118 (2013) tal-Kunsill tas-Sigurtà

tan-NU, li ġiet adottata unanimament, iddikjarat li la l-Gvern Sirjan u lanqas kwalunkwe parti oħra fis-Sirja ma tista' tuża, tiżviluppa, tipproduċi, tikseb, taħżen, iżżomm jew tittrasferixxi armi kimiċi, u approvat il-qerda rapida tal-programm tal-armi kimiċi tas-Sirja, li għandha tiġi implimentata sat-30 ta' Ġunju 2014; billi l-UE kkontribwixxiet għal tali operazzjonijiet u diversi Stati Membri, b'mod partikolari d-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Italja u r-Renju Unit, qed jipparteċipaw b'mod attiv f'dawn operazzjonijiet billi, madankollu, il-maġġoranza ta' daww maqtula u feruti fil-kriżi vjolenti fis-Sirja ġiet ikkawżata minn armi konvenzjonali;

- I. billi l-UE aċċettat l-Koalizzjoni Nazzjonali għall-Forzi Rivoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni Sirjani bħala rappreżentanti leġittimi tal-poplu Sirjan; billi, madankollu, l-oppożizzjoni Sirjana għadha frammentata b'diviżjonijiet interni sinifikanti; billi aktar minn elf fazzjoni qed jiġġieldu r-reġim; billi skont l-estimi taċ-Ċentru Internazzjonali għall-Istudju tar-Radikalizzazzjoni u l-Vjolenza Politika, matul dawn l-aħħar tliet snin ingħaqdu bejn 3 300 u 11 000 barrani ma' diversi fazzjonijiet, ta' spiss b'aġenda Iżlamista radikali, u n-numru ta' ġellieda li ġejjin mill-Istati Membri tal-UE, il-biċċa l-kbira mill-Belġju, Franza, il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxx, u r-Renju Unit huwa, skont l-estimi, bejn 400 sa 2 000;
- J. billi d-drittijiet tal-bniedem qed jinkisru fuq skala kbira kemm mir-reġim kif ukoll minn diversi gruppi ribelli fis-Sirja; billi fotografu li ħarab mis-servizz tal-pulizija militari Sirjana għadda lill-Moviment Nazzjonali Sirjan 55 000 ritratt diġitali ta' madwar 11 000 vittma, ritratti li jagħtu x'wieħed jifhem li r-reġim qed iwettaq ksur wiesa' u sistematiku tad-dritt umanitarju internazzjonali; billi grupp internazzjonali ta' esperti ġuridiċi ta' livell għoli eżaminaw ir-ritratti u kkonkludew li mill-materjal eżaminat, jirriżulta li hemm evidenza ċara, li tista' tiġi aċċettata bħala awtentika minn qorti tal-ġustizzja, ta' tortura u qtil sistematiki ta' detenuti mill-aġenti tal-Gvern Sirjan u li tali evidenza tinfed kostatazzjoni ta' delitti kontra l-umanità u tista' wkoll tinfed kostatazzjoni ta' delitti tal-gwerra;
- K. billi, skont il-UNICEF, 5.5 miljuni tfal ġew affettwati mill-kriżi Sirjana – 4.3 miljuni ġewwa s-Sirja u 1.2 miljuni fil-pajjiżi tal-viċinat – u 3 miljuni tfal ġew spostati ġewwa s-Sirja; billi kważi 8 000 minuri rifuġjat Sirjan mhux akkompanjat u separat mill-familji ġew reġistrati fil-pajjiżi tal-viċinat; billi kważi 3 miljun minuri telqu l-iskola fis-Sirja mill-2011 u aktar minn 4 000 skola ġew danneġġati, meqruda jew qed jintużaw bħala kenn minn persuni spostati; billi tal-anqas 500 000 minuri rifuġjat Sirjan reġistrat mhumiex irreġistrati fi skejjel fil-pajjiżi tal-viċinat;
- L. billi r-rifuġjati Palestinjani jibqgħu grupp partikolarment vulnerabbli fil-kunflitt fis-Sirja; billi kważi kollha mill-540 000 rifuġjat Palestinjan fis-Sirja għandhom bżonn assistenza ta' emerġenza, filwaqt li aktar minn nofs ġew spostati mill-ġdid fil-pajjiż; billi r-rifuġjati Palestinjani, li ma għandhomx ċittadinanza Sirjana, ma għandhomx l-istess drittijiet bħar-rifuġjati Sirjani u ma jistgħux, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, jitolqu mill-pajjiż; billi s-sitwazzjoni tat-18 000 refuġjat Palestinjan li jinsabu maqbuda f'kundizzjonijiet estremament diffiċli fil-kamp ta' refuġati Yarmouk, li ilu taħt asseġju minn Lulju 2013 hija partikolarment allarmanti; billi l-UNRWA u organizzazzjonijiet umanitarji internazzjonali oħra ilhom xhur jiġu miċħuda l-aċċess sabiex ifornu provvisti essenzjali liċ-ċivili f'Yarmouk; billi din il-piena kollettiva tal-popolazzjoni qed ikollha

effett devastanti, u qed toħloq sofferenzi kbar; billi, skont l-Osservatorju Sirjan għad-Drittijiet tal-Bniedem, aktar minn 50 persuna mietu bil-ġuħ jew minħabba nuqqas ta' kura medika fil-kamp minn Settembru 2013; billi n-numru limitat ta' pakketti tal-ikel li ġew permessi fil-kamp mill-awtoritajiet Sirjani, fil-perjodu ta' preparazzjoni għall-konferenza ta' Ġinevra II, ma kienx biżżejjed biex jiġu sodisfatti l-bżonnijiet tan-nies; billi, fid-dikjarazzjoni tagħha tas-17 ta' Jannar 2014, il-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem Navi Pillay, qalet f'dan il-kuntest li l-fatt li timpedixxi l-assistenza umanitarja liċ-ċivili li jinsabu fi bżonn iddisprat jista' jammonta għal delitt tal-gwerra;

- M. billi għadd kbir ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, intellettuali, persunaġġi reliġjużi, ġurnalisti u attivisti tas-soċjetà ċivili tilfu ħajjithom jew ġew torturati mis-servizzi ta' sigurtà tar-reġim Sirjan, u billi qed isiru dejjem aktar is-suġġett ta' delitti mwettqa mid-diversi gruppi ribelli; billi r-rebbieħa tal-Premju Sakharov tal-2011 Razan Zeitouneh – waħda mill-mexxejja tal-bidu l-aktar vokali tar-rivolta kontra r-reġim Sirjan u li sostni n-nonvjolenza u r-reżistenza ċivili – inħatfet, flimkien mar-raġel tagħha Wael Hamahed u l-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem Nazem Hamadeh u Samira Khalil, minn grupp ta' persuni armati mhux identifikat mis-subborg ta' Douma f'Damasku f'Diċembru 2013 u sparixxiet;
- N. billi l-applikazzjonijiet għall-asil fl-UE minn Sirjani komplew jiżdiedu tul is-sena li għaddiet, u billi l-kriżi tar-rifuġjati Sirjani tikkostitwixxi l-ewwel prova għas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil li għadha kemm ġiet riveduta; billi, fir-risoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2013, il-Parlament ħeġġeġ lill-Istati Membri jindirizzaw il-ħtiġijiet akuti permezz ta' risistemazzjoni b'mod addizzjonali għall-kwoti nazzjonali eżistenti u permezz ta' ammissjoni umanitarja;
1. Jesprimi mill-ġdid it-tħassib kbir tiegħu dwar l-effetti devastanti tal-kriżi vjolenti fis-Sirja, li rriżultat f'sofferenza kbira għall-popolazzjoni fil-pajjiż u fil-pajjiżi tal-viċinat u tikkostitwixxi theddida maġġuri għall-istabbiltà u s-sigurtà fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u lil hinn; jenfasizza li ma hemmx soluzzjoni militari għal din il-kriżi u li kwalunkwe soluzzjoni dejjiema tista' tintlaħaq biss permezz ta' proċess politiku mmexxi mis-Sirjani bis-sostenn tal-komunità internazzjonali; ifaħħar u jkompli jagħti sostenn lill-isforzi tar-Rappreżentant Speċjali Konġunt tan-NU u l-Lega Għarbija, Lakhdar Brahimi, f'dan ir-rigward; jitlob lill-atturi internazzjonali l-oħra biex jevitaw kwalunkwe azzjoni li tista' tintensifika l-vjolenza u żżid is-sofferenza tal-popolazzjoni fis-Sirja;
 2. Jilqa', f'dan l-ispirtu, il-konferenza internazzjonali dwar is-Sirja li seħħet fl-Isvizzera, li għandha tkun l-ewwel pass f'proċess li jwassal għal soluzzjoni politika għall-kriżi, u jenfasizza l-importanza fundamentali li l-proċess ta' Ġinevra II jibqa' għaddej; ifaħħar id-deċiżjoni tal-Koalizzjoni Nazzjonali tal-Forzi Revoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni li jipparteċipaw f'dan il-proċess; jinnota l-importanza kruċjali tal-miżuri tat-tisħiħ tal-fiduċja f'dan il-kuntest; iħeġġeġ lid-delegazzjonijiet li qed jinneogzjaw, għalhekk, biex jaqblu dwar il-waqfien mill-ġlied fil-livell lokali, il-waqfien ta' asseġi f'ċerti żoni urbani, ir-rilaxx u l-iskambju ta' prigionieri u l-iffaċilitar tal-aċċess umanitarju liċ-ċivili li jinstabu fil-bżonn, bħala elementi ta' bażi għal negozjati konkreti abbażi tal-Communiqué ta' Ġinevra; josserva wkoll l-importanza tal-involvement tal-atturi internazzjonali ewlenin kollha kkonċernati fil-proċess ta' Ġinevra II; huwa tal-fehma li

ftehim fit-tul dwar il-programm nukleari tal-Iran jista' jipproduċi kuntest reġjonali li jista' jwassal għall-proċess ta' rikonċiljazzjoni fis-Sirja;

3. Jenfasizza li, fid-dawl tal-portata mingħajr preċedent tal-kriżi, it-taffija tas-sofferenza ta' miljuni ta' Sirjani li għandhom bżonn prodotti u servizzi bażiċi fis-Sirja u fil-pajjiżi tal-viċinat għandha tkun prijorità għall-UE u l-komunità internazzjonali fit-totalità tagħha; jappella għal riżoluzzjoni umanitarja tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU f'dan ir-rigward; iħeġġeġ mill-ġdid l-UE u l-Istati Membri tagħha biex jonoraw ir-responsabbiltajiet umanitarji tagħhom u jżidu l-assistenza tagħhom lir-rifuġjati Sirjani, kif ukoll jikkoordinaw l-isforzi tagħhom b'mod aktar effikaċi f'dan il-qasam; jenfasizza l-importanza ta' tħassib relatat mal-ġeneru fil-qasam tal-għajuna umanitarja; jitlob mill-ġdid lill-partijiet kollha involuti fil-kunflitt sabiex jiffaċilitaw il-provvediment sikur u bla ostakoli tal-għajnuna umanitarja permezz tal-kanali possibbli kollha, anki mal-fruntieri u l-linji ta' kunflitt u sabiex jiżguraw is-sikurezza tal-personal mediku u l-ħaddiema umanitarji, b'mod koerenti mad-dikjarazzjoni tal-President tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tat-2 ta' Ottubri 2013; itenni l-appell tiegħu għat-twaqqif ta' postijiet ta' rifuġju tul il-fruntiera bejn it-Turkija u s-Sirja, u possibbilment fis-Sirja, u għall-ħolqien ta' kurituri umanitarji mill-komunità internazzjonali;
4. Jilqa' l-progress u l-kooperazzjoni internazzjonali fir-rigward tal-qerda tal-armi kimiċi tas-Sirja, u jappella għall-implimentazzjoni sħiħa tad-deċiżjoni tal-Kunsill Eżekuttiv tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi tas-27 ta' Settembru 2013; jinsab imħasseb dwar rapporti li, sal-aħħar ta' Jannar 2014, 5 % biss tal-ħażna ta' armi kimiċi tas-Sirja ġie ttrasportat barra mill-pajjiż għall-qerda, u jħeġġeġ lill-awtoritajiet Sirjani biex jimxu mal-iskeda ta' ħin stabbilita mir-riżoluzzjoni 2118 (2013) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU; ifakkar, madankollu, li l-maġġoranza kbira ta' dawk maqtula u feruti fil-kriżi vjolenti fis-Sirja ġiet ikkawżata minn armi konvenzjonali;
5. Jesprimi t-tħassib tiegħu li l-involvement li dejjem qed jikber tal-gruppi estremisti Iżlamiċi u barranin fil-kunflitt fis-Sirja, l-intensifikazzjoni ta' vjolenza abbażi ta' reliġjon jew etniċità fil-pajjiż, u l-frammentazzjoni u d-diviżjonijiet interni kontinwi fi ħdan l-oppożizzjoni; ikompli jinkoraġixxi lill-Koalizzjoni Nazzjonali tal-Forzi Revoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni Sirjani sabiex joħlqu grupp ta' oppożizzjoni aktar magħqud, inklussiv u organizzat internament u esternament, u jappella mill-ġdid għal aktar appoġġ mill-UE għall-Koalizzjoni f'dan ir-rigward;
6. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar l-ksur kontinwu fuq skala wiesgħa tad-drittijiet tal-bniedem mill-forzi tar-reġim u diversi gruppi ribelli fis-Sirja; ifakkar li dawk kollha responsabbli għal delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra għandhom jinżammu responsabbli; ikompli jagħti s-sostenn tiegħu, f'dan il-kuntest, lix-xogħol tal-Kummissjoni Internazzjonali Indipendenti ta' Inkjesta dwar ir-Repubblika Għarbija Sirjana, stabbilit mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, u jtenni l-appell tiegħu sabiex il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jirreferi s-sitwazzjoni fis-Sirja lill-Qorti Kriminali Internazzjonali għal investigazzjoni formali;
7. Jitlob investigazzjoni profonda fir-rigward ta' 55 000 ritratt li ngħataw lill-Moviment Nazzjonali Sirjan minn fotografu li ħarab mis-servizz tal-pulizija militari Sirjana u jitlob li dawk responsabbli għall-qtil u t-tortura jinżammu responsabbli; jitlob lill-Gvern

Sirjan jirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet tad-detenuti kollha u jiggarrantixxi lill-osservaturi internazzjonali, u lill-Kummissjoni ta' Inkjesta Internazzjonali Indipendenti dwar ir-Repubblika Għarbija Sirjana b'mod partikolari, aċċess immedjat u bla kundizzjonijiet għall-istrutturi ta' detenzjoni kollha tiegħu;

8. Jitlob li tiġi adottata politika ta' tolleranza zero fir-rigward tal-qtil, il-ħtif u r-reklutaġġ ta' tfal b'mod partikolari, u jitlob lill-partijiet kollha għall-kunflitt jikkonfermaw bis-sħiħ mar-risoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tas-26 ta' Lulju 2005 dwar it-tfal u l-kunflitti armati; jissottolinja wkoll l-importanza tal-prevenzjoni ta' atti ta' vjolenza ta' natura sesswali jew dik ibbażata fuq il-ġeneru u l-provvediment ta' appoġġ xieraq lill-vittmi; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza ta' programmi ta' rispons bikri għall-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru; jilqa' wkoll l-inizjattiva "No Lost Generation" tan-NU u s-sħab umanitarji tagħha, li hija intiża sabiex tfejjaq il-feriti tat-tfal Sirjani u tippreserva l-futur tagħhom, u jinkoraġġixxi l-UE tappoġġa b'mod attiv din l-inizjattiva;
9. Jitlob li tingħata attenzjoni speċjali lis-sitwazzjoni tar-rifuġjati Palestinjani fis-Sirja u b'mod partikolari s-sitwazzjoni umanitarja allarmanti fil-kamp ta' refjuġati Yormouk; jitlob lill-partijiet kollha involuti fil-kunflitt sabiex jagħtu lill-UNRWA u lil organizzazzjonijiet umanitarji internazzjonali oħra aċċess immedjat u bla kundizzjonijiet għal dan il-kamp ta' refjuġati, bil-ħsieb li tittaffa s-sofferenza estrema tal-popolazzjoni;
10. Iħeġġeġ lill-atturi internazzjonali kollha, inklużi l-UE u l-Istati Membri tagħha, iwettqu kull sforz possibbli sabiex jiksbu r-rilaxx ta' attivisti tad-drittijiet tal-bniedem, inkluża r-rebbieħa tal-Premju Sakharov tal-2011 Razan Zeitouneh, intellettuali, persunaġġi reliġjużi, ġurnalisti – inklużi l-ġurnalisti u l-fotografi Ewropej kollha – u attivisti tas-soċjetà ċivili maħtufa u miżmuma mir-reġim jew mill-gruppi ribelli fis-Sirja;
11. Jenfasizza l-importanza li tingħata protezzjoni lil gruppi partikolarment vulnerabbli fis-soċjetà Sirjana, bħall-minoranzi etniċi u reliġjużi, inklużi l-insara, fil-kriżi attwali, bil-ħsieb li tiġi preservata t-tradizzjoni ta' koeżistenza interkulturali, interetnika u interreliġjuża fil-pajjiż għal Sirja futura ġdida; jenfasizza l-importanza tat-tisħiħ tal-atturi tas-soċjetà ċivili fis-Sirja, u tal-parteciġjazzjoni attiva u sinifikanti tan-nisa, iż-żgħażaġh u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili fil-proċess ta' Ġinevra II u fil-bini mill-ġdid tal-pajjiż;
12. Ifaħħar il-ġirien tas-Sirja b'mod partikolari il-Libanu, il-Ġordan, it-Turkija u l-Iraq, għall-isforzi tagħhom biex jilqgħu r-rifuġjati Sirjani u jinkoraġġixxihom biex iżommu l-politika ta' fruntieri miftuħa; jissottolinja l-importanza li jingħata aċċess għall-edukazzjoni għat-tfal Sirjani kollha sabiex tiġi preservata l-ġenerazzjoni tagħhom għal Sirja futura ġdida; itenni, fl-istess ħin, it-tħassib serju tagħha dwar l-impatt mill-aspett ekonomiku, soċjali, politiku u ta' sigurtà tal-kriżi Sirjana fuq ir-reġjun kollu, speċjalment fil-Libanu u l-Ġordan; jitlob lill-komunità internazzjonali, inklużi l-UE u l-Istati Membri tagħha, ikomplu jgħatu assistenza effettiva lill-ġirien tas-Sirja f'dan il-kuntest;
13. Ifaħħar l-impemji magħmula mill-komunità internazzjonali fit-Tieni Konferenza Internazzjonali ta' Impemji Finanzjarji għas-Sirja, li seħħet fil-15 ta' Jannar 2014 fil-Kuwajt, u jitlob lid-donaturi kollha jonoraw l-impemji tagħhom; josserva, madankollu, li

hemm bżonn ta' sforzi sinifikanti ulterjuri sabiex jiġu sodisfatti l-bżonnijiet umanitarji fis-Sirja, u jitlob, għalhekk, għal kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali mill-atturi internazzjonali;

14. Jenfasizza l-kriżi fis-Sirja teħtieġ approċċ koerenti komuni mill-UE u l-Istati Membri tagħha, fil-qasam tal-forniment ta' għajjnuna umanitarja u lil hinn, u jkompli jappoġġa lill-VP/RGĦ Catherine Ashton u l-Kummissarju Kristalina Georgieva fl-isforzi tagħhom sabiex jiżguraw koordinatur aħjar f'dan il-qasam;
15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Invjat Speċjali tan-NU u tal-Lega Għarbija għas-Sirja, lill-Parlament u lill-Gvern tal-Iraq, lill-Parlament u lill-Gvern tal-Ġordan, lill-Parlament u lill-Gvern tal-Libanu, lill-Parlament u lill-Gvern tat-Turkija u lill-partijiet kollha involuti fil-kunflitt fis-Sirja.